MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. GRAZIO MERCIECA

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 125/2003

**Platinum Craft Co. Ltd.**

**vs**

**Joseph Borg**
**Raymond Borg**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Peress illi bi skrittura ta' transazzjoni datata 23 ta' Ottubru 2001 il-konvenuti kienu ddikjaraw ruhhom veri certi u likwidi debituri fil-konfront tas-socjeta' attrici fis-somma ta' LM601.08.

Peress illi minn din is-somma thallsu biss LM360, u jifdal ghalhekk bilanc ta' LM241.08.

Peress illi bl-istess skrittura l-konvenuti intalbu li jhallsu nofs l-ispejjes tal-kawza ammontandi ghal LM93.10.

Peress illi l-partijiet kienu qablu illi kemm il-darba ma jigux osservati r-rati mensili ghandu jiddekorri imghax skond il-ligi mid-data ta' l-iskrittura.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex ma ghandhomx jigu kkundannati minn dan it-Tribunal:-

1. li jhallsu s-somma totali ta' LM334.18 kif fuq dovuta.

2. jhallsu l-imghaxijiet skond l-iskrittura msemmija.

Bl-ispejjes kollha nkluzi dawk ta' l-ittra ta' Gunju 2003 u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni."

Sema' l-provi mressqa mis-socjeta' attrici;

Il-konvenuti debitament notifikati fis-6.11.03 la pprezentaw risposta u lanqas dehru ghas-seduta tal-25.11.03; dik ta' 02.12.03 u dik tal-lum;

U billi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata;

It-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' LM334.18 dovuti skond l-iskittura ta' transazzjoni tat-23 ta' Ottubru 2001 imsemmija fl-avviz tat-talba bl-imghaxijiet legali mid-data tal-iskrittura msemmija sad-data tal-effettiv pagament bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja ta' Gunju 2003 a kariku tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------